MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 2322/1998/1

***Citazzjoni Nru: 2322/98 NC***

***Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' esteraAvon Insurance plc u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Lawrence Sammut, abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi, u l-istess Lawrence Sammut***

***vs***

***Joseph Micallef***

Illum 30 ta' Mejju 2003

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi, wara li **ppremettew**: peress illi fis-19 ta' Frar 1998 ghal habta tat-8.15 pm, waqt

illi l-attur Lawrence Sammut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EAC 686 gewwa Saqqajja Hill, Rabat, Malta huwa safa nvolut f’ kollizjoni awtomobilistika mal-vettura b-numru ta’ registrazzjoni EAV 838 misjuqa mill-konvenut; peress illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti;  peress illi d-danni konsegwenzjali sofferti fil-vettura ta’ l-attur Lawrence Sammut jammontaw ghal elf tlett mija u hamsa u disghin lira maltin u disghin centezmu (Lm1,395.90), li ghalihom ghamlet tajjeb, salv ghal hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm25) excess payment, is-socjeta’ Fogg Insurance Agencies Limited abbazi tal-polza tat-tip comprehensive u skond il-ligi, u giet minnu debitament surrogata fid-drittijiet kollha tieghu, kif jirrizulta mis-*subrogation form* datata 30 ta’ Gunju 1998, li hija annessa mal-att tac-citazzjoni markata bhala Dok.A;  peress illi l-konvenut minkejja li gie interpellat biex jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni fuq imsemmija, baqa’ inadempjenti;  **talbu** li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh gewwa Saqqajja Hill, Rabat, Malta nhar is-19 ta’ Frar 1998, ghal habta ta’ 8.15 pm bejn il-vetturi bin-numri ta’ registrazzjoni EAC 686 u EAV 838 rispettivament;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta’ elf tlett mija u sebghin lira maltin u disghin centemzu (Lm1,370.90), jew somma verjuri, rappresentanti d-danni sofferti mill-attur Lawrence Sammut u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta’ attrici, kif fuq premess bhala konsegwenza ta’ l-istess incident, occorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Lawrence Sammut, is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ammont rapprezentanti danni minnu sofferti in linea ta’ *excess payment* in konnessjoni ma’ l-incident;

B-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ [spazju] ta’ Awissu, u wkoll ta’ l-ittra ufficjali li qed tintbaghat

kontestwalment ma' dan l-att tac-citazzjoni lis-socjeta' Royal Insurances Services Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali ta' [spazju] ta' Awissu 1998, sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa: Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobilistiku li sehh fid-19 ta' Frar 1998 gewwa t-tela' tas-Saqqajja Rabat, sehh minhabb negligenza, traskuragni, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur Lawrence sammut. Bl-ispejjez kontra l-atturi minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat il-kontro talba mghamula mill-konvenut, li permezz taghha, wara li ppremetta:

Illi l-konvenut irid jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri sabiex iressaq kontro-talba fil-konfront ta' l-attur Lawrence Sammut;

Illi fid-19 ta' Frar 1998 ghal habta tat-8.15pm gewwa Telgha ta' Saqqajja, Rabat waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAV 838, kien involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAC 686 u misjuqa mill-attur Lawrence Sammut;

Illi ghal dan l-incident jahti unikament l-attur Lawrence Sammut minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

Illi b'rizultat ta' l-incident il-konvenut sofra danni kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalkemm l-attur gie nterpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-konvenut, l-istess baqa` inadempjenti;

Tghid ghalhekk l-attur Lawrence Sammut ghaliex din l-Qorti m'ghandiex:

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar id-19 ta' Frar 1998 ghal habta tat-8.15pm gewwa Telgha tas-Saqqajja, Rabat, bejn il-vettura bin-numri ta' registrazzjoni EAC 686 u EAV 838;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-attur ihallas dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-atturi nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru 1998 kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenut ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet rikonvenjenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenjenti stante illi l-incident de quo gara unikament bhala rizultat ta' negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut rikonvenjenti;

2. Illi jsegwi illi ma hemmx danni x' jigu likwidati fil-konfront ta' l-attur rikonvenut;

3. Illi jsegwi ulterjorment illi l-attur rikonvenut ma ghandux jigi kkundannat illi jhallas ebda danni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur rikonvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet bil-gurament ix-xhieda migjuba mill-partijiet;

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-2 ta’ April 2003 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:-

***Kwadru tal-fatti***

Illi l-incident meritu tal-kawza odjerna sehh fis-19 ta’ Frar 1998 ghal habta tat-8.15 pm go Saqqajja Hill Rabat bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EAC 686 misjuqa mill-attur Lawrence Sammut u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EAV 838 misjuqa mill-konvenut. Mill-provi jirrizulta pacifiku li l-incident sehh mal-lilwa li hemm f’ dik il-parti tat-triq, meta l-attur kien niezel bil-vettura tieghu filwaqt li l-attur kien tiela’. Meta waslu l-pulizija fuq il-post il-vetturi nstabu kif indikat fl-iskizz. [1]

Illi rizultat ta’ dan l-incident, iz-zewg vetturi sofrew danni ammontanti ghas-somma ta’ Lm1,382.90 in kwantu ghall-vettura tal-attur[2], u ghas-somma ta’ LM2,417.30 in kwantu ghad-danni sofferti mill-konvenut Micallef fil-vettura tieghu[3]; liema danni kemm fin-natura kif ukoll fl-estensjoni taghhom huma nkontestati mill-partijiet rispettivi.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi l-partijiet pprezentaw zewg versjonijiet differenti ta’ kif sehh l-incident. Bazikament l-attur Lawrence Sammut sostna li meta hu kien niezel mill-parti ta’ fuq tat-tela’ vicin il-lilwa ra l-karrozza misjuqa mill-konvenut gejja mid-direzzjoni opposta u dina baqghet diehla gol vettura tieghu. Sammut sostna li l-vettura tal-konvenut invadiet il-karreggjata tieghu, u stante li huwa kien vicin il-bankina

[1] Skizz – Dok.FGC3 – Fol.45 – esebit minn Ps.48 Philip Cortis
[2] Skond xhieda tal-*claims manager* tas-socjeta’ attrici, Francis Paul Ebejer, u dokumenti esebiti – Fol..21 *et seq.*
[3] Vide dokument RS1 fol.118 et seq. konfermat minnu bil-gurament.

ma setghax jevita l-kollizzjoni. Il-konvenut minn naha tieghu sostna li hu hu tiela kien qed isuq vicin hafna tal-hajt li hemm fuq in-naha l-ohra tat-triq u ghalhekk meta, skond hu, l-vettura tal-attur invadiet il-karreggjata tieghu, huwa ma kellux spazju fejn jmur fuq in-naha tax-xellug tieghu biex jevita l-habta. In sostanza l-partijiet qed isostnu li huma kienu qed isuqu fuq in-naha taghhom tat-trieq u kienet il-vettura tal-parti l-ohra li invadiet il-karreggjata taghhom.

Illi skond ix-xhieda tal-pulizija l-*ispot of impact* juri li l-kollizzjoni sehhet vicin in-nofs tat-triq, liema triq hija wiesa' sitt (6) metri. Fattur iehor li ghandu certu rilevanza fid-determinazzjoni ta' dan il-kaz, huwa l-posizzjoni tal-vetturi kif indikati fl-iskizz. Iz-zewg vetturi jinsabu metri l-boghod mill-ispot of impact. Dan juri li l-vetturi ma waqfux ml-habta. Il-vettura misjuqa mill-konvenut spiccat distanza ta' 17.5 metri l' boghod mill-post tal-impatt, filwaqt li dik misjuqa mill-attur spiccat ftit l'isfel fit-triq li tghati ghal Mosta. Huwa rilevanti l-fatt li l-attur fix-xhieda tieghu stqarr li ezatt wara l-habta peress li kien ghan-nizla, huwa baqa' nizel distanza zghira l'isfel. Il-konvenut minn naha tieghu sostna li huwa waqaf mad-daqqa.

Inoltre, jigi osservat li, ghalkemm fix-xhieda tieghu l-attur sostna li l-vettura tal-konvenut halliet *brake marks* fit-triq u nonostante li, kif qal hu, dana gibed l-attenzjoni tal-pulizija dwar dawn il-marki; fl-iskizz ma hemmx indikati *brakemarks*. Fix-xhieda tieghu s-surgent qal li peress li f' dawk l-inhawi hemm diskoteka, fl-art ikun hemm hafna marki ta' vettura, inoltre dak il-hin tal-access kien id-dlam.

Illi l-*ispot of impact* kif tihder fuq l-iskizz fuq indikat hija vicin in-nofs tat-triq. Il-Qorti tosserva li dan l-element ta' prova, ghalkemm gie kontestat mill-attur fil-kontro ezami tieghu[4], ghandu fic-cikostanzi tal-kaz, jgorr valur probatorju qawwi u l-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonsidrah bhala li jikkorrispondi mar-realta'. Inoltre, huwa ta' relevanza l-fatt li, minn ezami akkurat tal-iskizz, jirrizulta li l-marka[5] mghamula mis-surgent fix-xhieda tieghu,

[4] Deposizzjoni 30 ta' Mejju 2001 Fol.91
[5] Salib bil-linka hamra indikati l-*ispot of impact*

indikanti l-post tal-impatt, hija izjed vicina il-bankina tan-naha tal-attur, milli vicin il-hajt tan-naha tal-konvenut. Dan jindika li l-impatt sehh izjed fuq il-karreggjata minn fejn kien ghaddej l-attur milli fuq il-karreggjata tal-konvenut, jew addirittura f' nofs it-triq.

*Versjoni Attur*

Illi fl-affidavit tieghu l-attur sostna li l-konvenut Micallef *"kien gej bi speed qawwi hafna, l-karrozza haditu u spicca fuqi. Tal-karrozza l-ohra gie kompletament wrong side u ma kienx hemm mod kif jiena nevita l-incident"*[6] L-istess versjoni tinsab konfortata mix-xhud tieghu Nigel Mifsud li sostna li, filwaqt li l-konvenut kien gej b' velocita' kbira, huwa kien *"kompletament wrong side"*[7] Anki x-xhud Frances Lanzon, li ghandha legam ta' parentela mal-attur[8], xehdet li mal-habta hija ttawlet mill-gallarija u rat il-vettura tal-konvenut *"kompletament wrong side".* Din ix-xhud kompliet tghid li rat lil konvenut icaqlaq il-vettura tieghu malajr wara l-habta u saqha distanza l-fuq.[9]

Izda fid-deposizzjoni ulterjuri tieghu l-attur qal *"il-konvenut **ma kienx kompletament** wrong side imma **xi ftit kien** ghax kien qed isuq f' nofs it-triq"*[10] Kompla jsostni pero' li huwa kien vicin il-bankina fuq in-naha tieghu tat-triq u ghalhekk ma setghax jevita l-kollizzjoni.

Illi fattur iehor li jimmerita konsiderazzjoni, huwa l-fatt li, filwaqt li fir-rapport tal-pulizija hemm indikat li *a tempo vergine* l-attur lill-pulizija qallu li kien sejjer lejn il-Mosta [11], fid-deposizzjoni tieghu quddiem il-perit legali l-attur qal li hu u l-passiggier tieghu Nigel Mifsud kellhom ikunu il-club tal-football ta' **H' Attard** ghal-habta tat-8.30 pm, u inoltre fl-istess xhieda qal *"Il-liwja tigi tigbed lejn il-lemin (H'Attard) fid-direzzjoni ta' fejn kont sejjer jien".*[12]

[6] Affidavit – 16 ta' April 1999 – Fol.25. Emfasi tal-Qorti
[7] Affidavit – 16 ta' April 1999 – Fol.24 Emfasi tal-Qorti
[8] Deposizzjoni Attur – 30 ta' Mejju 2001 – Fol.91
[9] Affidavit – 16 ta' April 1999 – Fol.23. Emfasi tal-Qorti
[10] Deposizzjoni 30 ta' Marzu 2001 – fol.89. Emfasi tal-Qorti
[11] Kopja okkorrenza – Fol.43
[12] *Ibid.* Jigi osservat li din il-Qorti hija familjari hafna kemm mal-lok fejn sehh l-incident kif ukoll mal-lokalita' ta' H' Attard u ghal kull buon fini tirrileva li l-club tal-football ta' H' Attard huwa sitwat fil-qalba ta' H' Attard u mhux gol-Mosta jew fil-periferija.

Mill-premess u mill-isfond tal-kumplament tal-provi l-Qorti hija tal-fehma li hija lecita l-konkluzjoni li fil-fatt l-attur kien sejjer l' isfel lejn H' Attard, mhux mit-triq li tghati ghal-Mosta, izda mit-triq tar-Rabat li tghati direttament ghal H' Attard, u l-incident sehh hekk kif huwa kien ghaddej fil-lilwa li tigbed lejn il-lemin tieghu.

Il-Qorti wara valutazzjoni tal-provi, waslet ghall-konkluzjoni li l-attur, ghalkemm ma rrizultax li kien qed isuq b' velocita' eccessiva ghall-lok fejn sehh l-incident, zgur li ma kienx ghaddej inkaxxat mal-bankina li hemm fuq din in-naha tat-triq fuq ix-xellug tieghu. Hu hu niezel lejn fid-direzzjoni ta' H' Attard kien qed isuq vicin in-nofs tat-triq, izda ma jirrizulta li kien qabez il-parti tal-karreggjata tieghu, anzi l-iskizz juri li huwa baqa' fil-karreggjata tieghu.

Inoltre, il-posizzjoni tal-hsara li sofra fil-vettura tieghu, tati konfort shih lill-konkluzjoni li kien il-konvenut li dahal fuqu. Di fatti l-hsara riportata fuq il-vettura tieghu, kif tidher mir-ritratti[13] esebiti, hija fuq il-**genb** lemini u **principalment fuq tal-bieba** tas-sewwieq.

*Versjoni konvenut*
Illi l-konvenut Joseph Micallef attribwixxa l-htija tal-incident odjern fuq l-attur li skond hu dana kien metru l' barra mill-linja medjana u invada l-karreggjata tieghu b' din id-distanza. Dan sostna li huwa kien qed isuq vicin hafna tal-hajt li kien hemm fuq in-naha tax-xellug tieghu. Il-konvenut sostna li huwa kien qed isuq bi speed moderat. Fi kliemu *"il-liwja hadtha normali b' madwar 25 mfs"*[14].

Illi l-konvenut cahad li huwa kien caqlaq il-vettura tieghu wara l-habta kif allegaw ix-xhieda tal-attur u l-istess attur. Fl-affidavit tieghu qal: *"nichad bil-qawwa kollha li jiena .. soqt l-imsemmija vettura wara l-habta"* u *"Nghid li* ***mad-daqqa jiena waqqaft*** *il-vettura mal-ewwel"*[15]. Fid-

[13] Ritratti Doki.VG1 u VG2 fols.71-72
[14] Deposizzjoni 16 ta' Frar 2001 – Fols.87 *et seq*.
[15] Affidavit – 15 ta' Marzu 2000. – Fol.56. Emfasi tal-Qorti

deposizzjoni tieghu huwa qal *"Meta rajt lill-vettura l-ohra gejja fid-direzzjoni opposta ghafast il-brake"*[16]

Illi l-konvenut ressaq diversi xhieda in sostenn tal-versjoni tieghu u cioe" li l-attur kien invada l-karreggjata tieghu b' metru, li l-konvenut kien qed isuq bi speed normali, li kien qed isuq vicin hafna il-hajt tax-xellug, u li ma caqlaqx il-vettura tieghu wara l-habta.

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat din il-parti tal-provi u vvalutat din il-versjoni fid-dawl tal-assjem tal-provi, hija tal-fehma li l-versjoni tal-fatti kif prezentata mill-konvenut tinsab serjament mdghajjfa u mgiddba mis-segwenti fatturi kkunsidrati kemm individwalment u izjed u izjed kumuluttivament:

**1.** Il-posizzjoni tal-***ispot of impact*** kif indikat fuq l-iskizz tal-pulizija jidghajjef serjament, sa tal-punt li jiddiskredita l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa kien qed isuq vicin il-hajt, anzi vicin hafna, tax-xellug. Dan l-element ta' prova juri li l-konvenut waqt li jsuq fil-liwja gibed ghan-nofs tat-triq u baqa' diehel fil-vettura tal-attur.

**2.** Illi il-Qorti tosserva ulterjorment li, jekk verament il-konvenut ghafas il-brake **meta ra** l-vettura gejja u jekk verament huwa waqaf mad-daqqa, u jekk verament huwa ma caqlaqx il-vettura wara l-incident, mela kif jista' jigi spjegat li l-vettura tieghu sabet ruhha 17.50 metri l' boghod mill-ispot of impact, jekk mhux minhabba l-**velocita'** li huwa kien tiela biha'? *Multo magis* meta jigi kunsidrat il-fatt li meta sehh l-incident huwa kien qed isuq **ghat-tela'** li hi piuttost elevata.

**3.** Illi l-**posizzjoni tal-hsara** fuq il-vettura tal-attur tghati konfort lill-konkluzzjoni li kienet il-vettura tal-konvenut li dahhlet fuq il-vettura tal-attur; u ghalhekk, it-tesi tal-attur li l-konvenut deher jitlef il-kontroll tal-vettura fil-liwja hija aktar kredibbli, u attendibbli minn dik tal-konvenut.

---

[16] Deposizzjoni – *supra* - Fol.88

**4.** Illi d-danni li, mid-dokument guramentat prezentat mill-konvenut, jirrizultaw li dana sofra fil-vettura tieghu, jikkorroboraw din it-tesi, kif ukoll jiskreditaw dik il-parti tax-xhieda tal-konvenut u x-xhieda tieghu fejn sostnew li dana kien qed isuq bi speed normali. **L-estensjoni ta' dawn id-danni** kif tidher mid-dokument fuq indikat, juru bic-car li waqt li l-konvenut kien qed isuq fil-liwja huwa kien ghaddej b' velocita' li, tenut kont tat-topografija tat-triq – li hija triq piuttost dejqa u minghajr linja gwida fl-art – kienet inkonsulta u perikoluza, tant li ma kienx fil-posizzjoni li jikkontrolla l-vettura tieghu u jevita l-kollizzjoni. Rizultat ta' dan, huwa baqa' diehel fuq il-genb tal-vettura tal-attur.

***Konkluzjoni***

Illi fl-ewwel lok u ghas-skans ta' ekwivoci, il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-attur kien inkonsistenti fix-xhieda tieghu rigward il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut ezatt qabel il-habta, xorta wahda ma rrizulta xejn x' jigi censurat fis-sewqan tieghu, ghajr forsi li kien qed isuq vicin, in-nofs – izda mhux fin-nofs - tat-triq; liema cirkostanza issib ispjegazzjoni fil-fatt li huwa, biex jinzel ghal H' Attard, kellu bilfors jikser lejn il-lemin.

Illi fit-tieni lok il-Qorti tosserva li il-konsiderazzjonijiet premessi waslu lil din il-Qorti ghal-konkluzjoni li l-incident odjern sehh tort unikament tas-sewqan imprudenti da parti tal-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti il-konvenut ma kienx qed isuq b' dik id-diligenza ta' *bonus paterfamilias* tenut kont tal-konfigurazzjoni tal-lok ta' fejn gara l-incident. Il-konvenut bil-velocita' li kien ghaddej biha naqas li jassigura li jkollu l-vettura misjuqa minnu taht il-kontroll kontinwu tieghu, b' mod partikolari meta kien qed isuq f' lilwa meqjusa bhala perikoluza, minhabba id-djuqija tat-triq u l-frekwenza tat-traffiku f' dik l-istess parti tat-triq. *"It is not speed in itself which is the cause of traffic accidents, but rather misplaced speed at inopportune moments".*[17]

Il-konvenut naqas li jsuq b' dik id-diligenza li l-lok kien jirrikjedi minn sewwieq ragjonevolment prudenti; u

[17] Prim Awla (WH) ***Ganni Mazzitelli vs Frederick Carr*** deciza 18 ta' Mejju 1935 – *Vol.29G.II.504*

ghaldaqstant ghandu jirrispondi civilment ghall-hsarat kkagunati minnu minhabba dan in-nuqqas, fil-vettura misjuqa mill-attur.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar it-talba tal-atturi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh gewwa Saqqajja Hill Rabat Malta fis-19 ta' Frar 1998 ghall-habta tat-8.15 pm; tikkundannah ihallas ***lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija tnejn u tmenin lira maltin u disghin centezmu (Lm1,382.90)*** rapprezentanti danni kagjunati fil-vettura EAC 686 misjuqa mill-attur u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici; tikkundanna lill-istess konvenut ihallas ***lill-attur Lawrence Sammut is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm25)*** *excess payment*; bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba, billi previa li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenut, tichad it-talba tal-konvenut rikonvenjenti, bl-ispejjez a kariku tieghu.

-------------------------------TMIEM-------------------------------